MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Numru 517/2009

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)

vs

Osama Othman Elmahdi El Mahdawi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat detentur tal-passaport Libjan 075392 li hu akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' April 2009, f'xi hin bejn 01:00hrs u 02:00hrs minn gewwa l-bar maghruf bhala 'Browns' sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia, flus kontanti, handbag, ghad-dannu ta' Josephine Wadi liema serq jeccedi €233 izda anqas minn €2330, liema serq huwa aggravat bil-'valur', u bil-'hin';

2. fis-26 ta’ Marzu 2009, f’xi hin wara nofs inhar ikkommetta serq ta’ ID card, wallet u credit cards ghad-dannu ta’ Andrew Zammit;
3. nhar is-27 ta’ Mejju 2009 u l-gimghat ta’ qabel, bhala persuna li mhux detentur tal-karta tal-identità numru 164192(M), f’isem Andrew Zammit, kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija karta tal-identità u ghamel uzu minnha, u kif ukoll naqas li jikkonsenja lura l-imsemmija karta ta’ identità lid-detentur taghha jew ufficcjal awtorizzat;
4. nhar is-27 ta’ Mejju 2009 gewwa Swieqi f’xi hin bejn it-3:30hrs u l-4:30hrs ikkommetta serq ta’ diversi hwejjeg konsistenti f’xugamani minn gewwa l-kumpless Garden View, ghad-dannu ta’ diversi persuni, liema serq ma jeccedix €233, liema serq huwa aggravat bil-‘valur’, u bil-‘hin.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

l-akkuzi huma ta’ serq kontra certa Josephine Wadi aggravat bil-valur u bil-hin, kif ukoll kontra certu Andrew Zammit. Kontra dan ta’ l-ahhar is-serq kien jirrigwarda karta ta’ identità u ghalhekk hu ta’ serq semplici. L-imputat qieghed però jammetti li ghamel uzu minnha. Hemm apparti serq iehor aggravat bil-valur u hin konsistenti f’xugamani kontra persuni injoti.

Ghal dawn l-akkuzi l-imputat irregistra ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 261 (c) (f), 270, 267, 279(1), 280, 285 u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 12 (1) (2), 14 tal-Kap 258 sentejn prigunerija sospiza ghall-erba’ snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tobbligah ihallas lil Josephine Wadi l-ammont ta’ €300 zmien xahar mil-lum bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------